Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

MALTA

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA

**Appell Numru 13/2013:**

## Matthew Vella
## Editor Malta Today

## Vs

## Il-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u b'digriet tal-5 ta' Mejju l-Arms Limited

Illum 15 ta' Dicembru 2016,

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax . (MIT)
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Ra l-appell tal-Editur Malta Today ai termini tal-artiklu 39 tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta dwar id-decizjoni tal-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tat-12 ta' Settembru 2013 li permezz taghha cahad it-talba tal-istess Editur sabiex l-Arms Limited taghti statement tal-ammonti dovuti tal-kumpanijiet li ghandhom il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista stante li skond hu tali informazzjoni hija kummercjalment sensittiva.

Ra r-risposta tal-Kummissarju li permezz taghha ssottometta fost konsiderazzjonijiet ohrajn, li l-izvelar ta' tali informazzjoni ghandu jkun fl-interess pubbliku u li t-talba tal-appellanti ma tistax tigi milqugha ai termini tal-artikolu 5(1) (f) tal-Kap 496 li jghid li tali Att ma japplikax ghal dokumenti li " *are held by a commercial partnership in which public authority has a controlling interest, in so far as the documents in question relate to the commercial activities of the commercial partnership"* u ghalekk id-decizjoni tieghu li jichad it-talba tal-appellanti hija ai termini tal-artikolu 14(a) tal-istess Kap. Inoltre l-interess pubbliku kif provdut fl-artikolu 35 tal-istess Kap huwa suggett ghal Parti V tal-istess att, u li skond hu stante li dan l-Att ma japplikax, l-konsiderazzjonijiet tal-Parti V u Parti VI tal-Kap 440 ma japplikawx lanqas.

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu dan it-Tribunal ordna li l-Arms Limited jigi kjamat fil-kawza.

Ra r-risposta tal-Arms Limited li baqghet tinsisti li hija marbuta bil-kunfidenzjaliti u li ma tistax tghaddi informazzjoni dwar klijenti taghha lil terzi. Li l-Artikolu 5(1)(f) tal-Kap 496 ma japplikax fejn hemm attivitajiet kummercjali u li ghaliha, partiti politici, kumpaniji, individwi huma kollha klijenti taghha.

**Ikkunsidra**

It-talba li qed jaghmel l-appellanti huwa sabiex l-Arms limited tipprovdi 'Statement of outstanding dues to ARMS by holding companies representing Partit Laburista and Partit Nazzjonalista – this request is specifically for ARMS to provide an updated statement of the balance owed to the company by two political parties, Partit Laburista and Partit Nazzjonalista, for the provision of electricity and water, as of March 31, 2013. "

l-artikolu 5 (1) (f) tal-Kap 496 jghid li dan l-Att ma japplikax ghal dokumenti mizmumin minn socjeta kummercjali li fiha l-Gvern jew xi awtorita pubblika ohra **ghandhom interess li jaghtihom kontroll**, (sottolinear ta' dan it-Tribunal) safejn id-dokumenti in kwistjoni ghandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet kummercjali tas-socjeta kummercjali.

Id-definizzjoni ta' 'awtorita pubblika' jaghtihielna l-artikolu 2 tal-istess Kap fejn jghid li din tffiser:

- Il-Gvern inkluzi kull ministeru u dipartiment tieghu (li ma japplikax ghal dan il-kaz)
- Agenzija tal-Gvern stabbilita skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jew kwalunkwe ligi ohra (li ma japplikax ghal dan il-kaz)
- Kull korp stabbilit taht il-ligi, jew kull socjeta jew korp iehor li fih il-Gvern ta' Malta, agenzija tal-Gvern jew korp tali kif intqal qabel ghandu sehem bizzejjed biex jikkontrollah jew li fuqu ghandu kontroll effettiv.

Illi din it-tifsira ma ssemmix korporazzjonijiet izda biss Ministeru, Dipartiment, Agenzija u kull socjeta jew iehor jrid ikollha fih l-Gvern ta' Malta, agenzija tal-Gvern jew korp tali kif intqal qabel cioe dipartiment tal-Gvern. Illi ghalhekk ma jistghax jinghad li l-Arms limited hija awtorita pubblika.

Inoltre jigi rilevat ukoll li l-informazzjoni li qed tintalab ma tirrigwardax dokumenti li ghandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet kummercjali tas-socjeta kummerjali f'dan il-kaz l-Arms limited izda mal-klijenti tal-istess socjeta li f' dan il-kaz huma l-holding companies i tal-Partit Laburista u tal-Partit Nazzjonalista li huma r-registered consumers mal-Arms Limited.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li d-dokumenti rikjesti mill-appellanti huma dokumenti eskluzi mill-fini ta' dan l-att bis-sahha tal-artikolu 5(1) (f) tal-Kap 496.

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tal-appellanti u jannulla d-decizjoni tal-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tat-12 ta' Settembru 2013 u jordna lil Arms limited tipprovdi l-informazzjoni rikjesta mill-appellanti lill-appellanti cioe '*Statement of outstanding dues to ARMS by holding companies representing Partit Laburista and Partit Nazzjonalista – this request is specifically for ARMS to provide an updated statement of the balance owed to the company by two political parties, Partit Laburista and Partit Nazzjonalista, for the provision of electricity and water, as of March 31, 2013.*'**

Dr Anna Mallia
Chair person

Mr Charles Cassar
Membru

Mr David Bezzina
Membru